REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1739

tal-20 ta' Novembru 2020

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 fir-rigward tal-kwantitajiet disponibbli għall-kwoti tariffarji għal ċerti prodotti agrikoli inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, kwota tariffarja għal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Ukrajna u kwota tariffarja għal-laħam tal-annimali bovini li joriġina mill-Kanada

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 ([2]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 ([3]) jistabbilixxu r-regoli għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli ġestiti minn sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni u jissostitwixxu u jħassru għadd ta' atti li fetħu dawn il-kwoti u jipprevedu regoli speċifiċi.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/386 ([4]), li jistabbilixxi r-regoli f'dak li jirrigwarda t-tqassim tal-kwoti tariffarji għal ċerti prodotti agrikoli inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, jistabbilixxi li, mill-jum li fih japplika l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), il-kwantitajiet tal-kwoti tariffarji stabbiliti fir-Regolamenti li jiftħu l-kwoti tariffarji rispettivi għal ċerti prodotti agrikoli jiġu sostitwiti bil-kwantitajiet il-ġodda li jirriżultaw mit-tqassim, kif stabbilit fit-tielet kolonna tal-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/386. Sabiex jiġi żgurat li l-kwantitajiet tal-kwoti tariffarji stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 ikunu konsistenti mal-kwantitajiet il-ġodda tal-kwoti tariffarji li jirriżultaw mit-tqassim kif stabbilit fit-tielet kolonna tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/386, jenħtieġ li l-kwantitajiet tal-kwota tariffarja rilevanti stabbiliti fl-Annessi II, III, IV, VI, VIII, IX, X u XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 jiġu emendati skont dan.

(3) Wara d-diskussjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, intlaħaq ftehim dwar kwantitajiet ġodda għal erba' kwoti tariffarji fis-settur tar-ross. Għalhekk huwa xieraq ukoll li jiġu emendati l-kwantitajiet għall-kwoti tariffarji skont in-numri tal-ordni 09.4127, 09.4128, 09.4129 u 09.4130 stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni soġġetti għal liċenzji u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-depożitu ta' garanziji fl-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/386 tal-11 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi r-regoli f'dak li jirrigwarda t-tqassim tal-kwoti tariffarji għal ċerti prodotti agrikoli inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u f'dak li jirrigwarda l-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa u d-drittijiet tal-importazzjoni allokati fil-qafas ta' dawk il- kwoti tariffarji (ĠU L 70, 12.3.2019, p. 4).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2019 dwar it-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 (ĠU L 38, 8.2.2019, p. 1).

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/94 ([6]) jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2078 ([7]) li jiftaħ u fih previst l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni għal-laħam tat-tjur li joriġina fl-Ukrajna, sabiex jitqiesu l-kwantitajiet tal-kwota tariffarja u l-kodiċijiet NM li saru disponibbli skont Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u l-preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2145 ([8]) ("il-Ftehim"). Huwa għalhekk xieraq li jiġu emendati l-kwantità u l-kodiċijiet tan-NM tal-kwota tariffarja fin-numru tal-ordni 09.4273 stabbiliti fl-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 sabiex jitqiesu l-kwantitajiet tal-kwota tariffarja u l-kodiċijiet tan-NM magħmula disponibbli skont il-Ftehim.

(5) Jeħtieġ li jiġi kkoreġut żball editorjali fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-prodott għal kwota tariffarja fuq il-laħam tal-annimali bovini li joriġina mill-Kanada.

(6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 jiġi emendat u kkoreġut skont dan.

(7) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt u sabiex il-kwantitajiet riveduti tal-kwoti tariffarji japplikaw għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji li jistgħu jitressqu għall-kwoti tariffarji b'perjodu tal-kwota tariffarja li jibda mill-1 ta' Jannar 2021, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Annessi II, III, IV, VI, VIII, IX u X huma emendati skont kif stipulat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Anness XII huwa emendat skont kif stipulat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Korrezzjoni fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761

Fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, għan-numru tal-ordni 09.4281, id-deskrizzjoni tal-prodott "Laħam ta' annimali bovini, minbarra l-bison, frisk jew imkessaħ" tinbidel b'"Laħam ta' annimali bovini, eskluż il-bison, iffriżat jew mod ieħor".

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/94 tat-22 ta' Jannar 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2078 rigward il-kwoti tariffarji għal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Ukrajna u li jidderoga minn dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni għas-sena tal-kwoti 2020 (ĠU L 18, 23.1.2020, p. 1).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2078 tat-18 ta' Novembru 2015 li jiftaħ u fih previst l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni għal-laħam tat-tjur li joriġina fl-Ukrajna (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 63).

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2145 tal-5 ta' Diċembru 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 41).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Annessi II, III, IV, VI, VIII, IX u X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II, għan-numri tal-ordni elenkati fil-kolonna tax-xellug, il-kwantitajiet jiġu sostitwiti bil-kwantitajiet stabbiliti fil-kolonna tal-lemin:

Numru tal-ordni	Kwantità ġdida
09.4123	"571 943 000 kg"
09.4125	"2 285 665 000 kg, diviżi kif ġej: 50 % għal kull subperjodu"
09.4131	"269 214 000 kg, diviżi kif ġej: 50 % għal kull subperjodu"

(2) fl-Anness III, għan-numri tal-ordni elenkati fil-kolonna tax-xellug, il-kwantitajiet jiġu sostitwiti bil-kwantitajiet stabbiliti fil-kolonna tal-lemin:

Numru tal-ordni	Kwantità ġdida
09.4112	"4 682 000 kg, diviżi kif ġej: 4 682 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru"
09.4116	"990 000 kg, diviżi kif ġej: 990 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru"
09.4117	"1 458 000 kg, diviżi kif ġej: 1 458 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru"
09.4118	"1 370 000 kg, diviżi kif ġej: 1 370 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru"
09.4119	"3 041 000 kg, diviżi kif ġej: 3 041 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru"
09.4127	"17 251 000 kg, diviżi kif ġej: 4 313 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 8 626 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 4 312 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta' Settembru sat-30 ta' Settembru"
09.4128	"17 728 000 kg, diviżi kif ġej: 8 864 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 4 432 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 4 432 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta' Settembru sat-30 ta' Settembru"
09.4129	"220 000 kg, diviżi kif ġej: 0 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 220 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta' Settembru sat-30 ta' Settembru"

09.4130	“1 532 000 kg, diviżi kif ġej: 0 kg għas-subperjodu mill-1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Marzu 1 532 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta’ April sat-30 ta’ Ġunju Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta’ Lulju sal-31 ta’ Awwissu Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta’ Settembru sat-30 ta’ Settembru”
09.4148	“1 416 000 kg, diviżi kif ġej: 1 416 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta’ Jannar sat-30 ta’ Ġunju Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta’ Lulju sat-30 ta’ Settembru Trasferiment minn subperjodi preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta’ Ottubru sal-31 ta’ Diċembru”
09.4149	“48 729 000 kg, diviżi kif ġej: 34 110 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta’ Jannar sat-30 ta’ Ġunju 14 619 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta’ Lulju sal-31 ta’ Diċembru”
09.4150	“14 993 000 kg, diviżi kif ġej: 50 % għal kull subperjodu”
09.4153	“8 434 000 kg, diviżi kif ġej: 50 % għal kull subperjodu”
09.4154	“11 245 000 kg, diviżi kif ġej: 50 % għal kull subperjodu”
09.4166	“22 442 000 kg, diviżi kif ġej: 7 480 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta’ Jannar sat-30 ta’ Ġunju 14 962 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta’ Lulju sal-31 ta’ Awwissu Trasferiment għas-subperjodu mill-1 ta’ Settembru sal-31 ta’ Diċembru”
09.4168	“26 581 000 kg, diviżi kif ġej: 26 581 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta’ Settembru sat-30 ta’ Settembru Trasferiment mis-subperjodu preċedenti, għas-subperjodu mill-1 ta’ Ottubru sal-31 ta’ Diċembru”

(3) fl-Anness IV, għan-numri tal-ordni elenkati fil-kolonna tax-xellug, il-kwantitajiet jiġu sostitwiti bil-kwantitajiet stabbiliti fil-kolonna tal-lemin:

Numru tal-ordni	Kwantità ġdida
09.4317	“4 961 000 kg”
09.4318	“Perjodi tal-kwoti tariffarji sa 2023/2024: 308 518 000 kg Perjodi tal-kwoti tariffarji minn 2024/2025: 380 555 000 kg”
09.4320	“260 390 000 kg”
09.4321	“5 841 000 kg”
09.4329	“Perjodi tal-kwoti tariffarji sa 2021/2022: 72 037 000 kg Perjodu tal-kwota tariffarja 2022/2023: 54 028 000 kg”
09.4330	“Perjodu tal-kwota tariffarja 2022/2023: 18 009 000 kg Perjodu tal-kwota tariffarja 2023/2024: 54 028 000 kg”

(4) fl-Anness VI, għan-numri tal-ordni elenkati fil-kolonna tax-xellug, il-kwantitajiet jiġu sostitwiti bil-kwantitajiet stabbiliti fil-kolonna tal-lemin:

Numru tal-ordni	Kwantità ġdida
09.4285	“40 556 000 kg, diviżi kif ġej: 10 423 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta’ Ġunju sal-31 ta’ Awwissu 10 423 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta’ Settembru sat-30 ta’ Novembru 9 044 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta’ Diċembru sat-28/29 ta’ Frar 10 666 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta’ Marzu sal-31 ta’ Mejju”
09.4287	“3 711 000 kg, diviżi kif ġej: 822 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta’ Ġunju sal-31 ta’ Awwissu 1 726 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta’ Settembru sat-30 ta’ Novembru 822 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta’ Diċembru sat-28/29 ta’ Frar 341 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta’ Marzu sal-31 ta’ Mejju”

(5) fl-Anness VIII, għan-numri tal-ordni elenkati fil-kolonna tax-xellug, il-kwantitajiet jiġu sostitwiti bil-kwantitajiet stabbiliti fil-kolonna tal-lemin:

Numru tal-ordni	Kwantità ġdida
09.4001	"1 405 000 kg espressi f'piż ta' laħam mingħajr għadam"
09.4002	"11 481 000 kg tal-piż tal-prodott, diviż kif ġej: il-kwantità disponibbli għal kull subperjodu għandha tikkorrispondi ma' wieħed minn tnax tal-kwantità totali"
09.4003	"43 732 000 kg, ekwivalenti ta' laħam mingħajr għadam"
09.4450	"29 389 000 kg ta' laħam mingħajr għadam"
09.4451	"2 481 000 kg ta' piż tal-prodott"
09.4452	"5 606 000 kg ta' laħam mingħajr għadam"
09.4453	"8 951 000 kg ta' laħam mingħajr għadam"
09.4454	"846 000 kg ta' piż tal-prodott"
09.4455	"711 000 kg ta' laħam mingħajr għadam"

(6) fl-Anness IX, għan-numri tal-ordni elenkati fil-kolonna tax-xellug, il-kwantitajiet jiġu sostitwiti bil-kwantitajiet stabbiliti fil-kolonna tal-lemin:

Numru tal-ordni	Kwantità ġdida
09.4182	"21 230 000 kg, diviżi kif ġej: 50 % għal kull subperjodu"
09.4195	"25 947 000 kg, diviżi kif ġej: 50 % għal kull subperjodu"
09.4514	"4 361 000 kg"
09.4515	"1 670 000 kg"
09.4595	"14 941 000 kg, diviżi kif ġej: 50 % għal kull subperjodu"

(7) fl-Anness X, għan-numri tal-ordni elenkati fil-kolonna tax-xellug, il-kwantitajiet jiġu sostitwiti bil-kwantitajiet stabbiliti fil-kolonna tal-lemin:

Numru tal-ordni	Kwantità ġdida
09.4038	"12 680 000 kg, diviżi kif ġej: 25 % għal kull subperjodu"
09.4170	"1 770 000 kg piż nett, diviżi kif ġej: 25 % għal kull subperjodu"
09.4282	"Perjodu tal-kwota tariffarja 2021: 68 048 000 kg, diviżi kif ġej: 25 % għal kull subperjodu Perjodi tal-Kwoti Tariffarji mill-2022: 80 548 000 kg, diviżi kif ġej: 25 % għal kull subperjodu"

ANNESS II

L-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huwa emendat kif ġej:

(1) għan-numri tal-ordni elenkati fil-kolonna tax-xellug, il-kwantitajiet jiġu sostitwiti bil-kwantitajiet stabbiliti fil-kolonna tal-lemin:

Numru tal-ordni	Kwantità ġdida
09.4067	"4 054 000 kg, diviżi kif ġej: 25 % għal kull subperjodu"
09.4068	"8 253 000 kg, diviżi kif ġej: 25 % għal kull subperjodu"
09.4069	"2 427 000 kg, diviżi kif ġej: 25 % għal kull subperjodu"
09.4211	"129 930 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju"
09.4212	"68 385 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju"
09.4213	"824 000 kg"
09.4214	"52 665 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju "
09.4215	"109 441 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju"
09.4216	"8 471 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju"
09.4217	"89 950 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju"
09.4218	"11 301 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju"
09.4251	"10 969 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju"
09.4252	"59 699 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 %għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju"

09.4253	"163 000 kg"
09.4254	"8 019 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju"
09.4255	"1 162 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju"
09.4256	"8 572 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju"
09.4257	"0 kg"
09.4258	"300 000 kg"
09.4259	"278 000 kg"
09.4260	"1 669 000 kg, diviżi kif ġej: 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 30 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 20 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju"
09.4263	"159 000 kg"
09.4264	"0 kg"
09.4265	"58 000 kg"
09.4410	"14 479 000 kg, diviżi kif ġej: 25 % għal kull subperjodu"
09.4411	"4 432 000 kg, diviżi kif ġej: 25 % għal kull subperjodu"
09.4412	"2 868 000 kg, diviżi kif ġej: 25 % għal kull subperjodu"
09.4420	"4 227 000 kg, diviżi kif ġej: 25 % għal kull subperjodu"
09.4422	"2 121 000 kg, diviżi kif ġej: 25 % għal kull subperjodu"

(2) it-tabella li tikkonċerna n-numru tal-ordni 09.4273 tiġi sostitwita b'dan:

"**Numru tal-ordni**	**09.4273**
Ftehim internazzjonali jew att ieħor	**Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1247** tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, għajr għad-dispożizzjonijiet relatati mat-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment impjegati bħala ħaddiema fit-territorju tal-parti l-oħra **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2145** tal-5 ta' Diċembru 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra

Perjodu tal-kwoti tariffarji	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu Mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju Mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru Mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru
Applikazzjoni għal liċenzja	Skont l-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan ir-Regolament
Deskrizzjoni tal-prodott	Laħam u ġewwieni li jittiekel tat-tjur, frisk, imkessaħ jew iffriżat; laħam ieħor, ippreparat jew ippreservat, tad-dundjan u ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*
Oriġini	L-Ukrajna
Prova tal-oriġini fl-applikazzjoni tal-liċenzja. Jekk iva, il-korp awtorizzat biex joħroġha	Le
Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera	Iva. Skont it-Titolu V tal-Protokoll 1 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra
Kwantità f'kilogrammi	Perjodu tal-kwota tariffarja 2021: 70 000 000 kg piż nett, diviżi kif ġej: 25 % għal kull subperjodu
Kodiċijiet NM	0207 11 30 0207 11 90 0207 12 0207 13 10 0207 13 20 0207 13 30 0207 13 50 0207 13 60 0207 13 70 0207 13 99 0207 14 10 0207 14 20 0207 14 30 0207 14 50 0207 14 60 0207 14 70 0207 14 99 0207 24 0207 25 0207 26 10 0207 26 20 0207 26 30 0207 26 50 0207 26 60 0207 26 70 0207 26 80 0207 26 99 0207 27 10 0207 27 20 0207 27 30 0207 27 50 0207 27 60 0207 27 70 0207 27 80 0207 27 99 0207 41 30 0207 41 80 0207 42

	0207 44 10 0207 44 21 0207 44 31 0207 44 41 0207 44 51 0207 44 61 0207 44 71 0207 44 81 0207 44 99 0207 45 10 0207 45 21 0207 45 31 0207 45 41 0207 45 51 0207 45 61 0207 45 81 0207 45 99 0207 51 10 0207 51 90 0207 52 90 0207 54 10 0207 54 21 0207 54 31 0207 54 41 0207 54 51 0207 54 61 0207 54 71 0207 54 81 0207 54 99 0207 55 10 0207 55 21 0207 55 31 0207 55 41 0207 55 51 0207 55 61 0207 55 81 0207 55 99 0207 60 05 0207 60 10 ex 0207 60 21 (friski jew imkessħin, nofsijiet jew kwarti tal-farawni) 0207 60 31 0207 60 41 0207 60 51 0207 60 61 0207 60 81 0207 60 99 0210 99 39 1602 31 1602 32 1602 39 21
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Prova tal-kummerċ	Iva. Il-prova tal-kummerċ hija meħtieġa biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760. 25 tunnellata
Sigurtà għal-liċenzja tal-importazzjoni	EUR 75 għal kull 100 kg
Entrati speċifiċi li jridu jsiru fuq l-applikazzjoni tal-liċenzja u fuq il-liċenzja	It-Taqsima 8 tal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni u tal-liċenzja tal-importazzjoni għandha tindika l-pajjiż tal-oriġini; il-kaxxa “iva” f’din it-taqsima għandha tiġi mmarkata.

Perjodu ta' validità ta' liċenzja	Skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament
Trasferibbiltà tal-liċenzja	Iva
Kwantità ta' referenza	Iva
Operatur irreġistrat fil-bażi tad-*data* LORI	Iva
Kundizzjonijiet speċifiċi	Le"